

- (4) Il-vireg tal-morsa fforma ta' U li t-tarf tagħhom huwa tond u li huma marbuta b'kavilji jaqgħu taħt is-subintestatura 7317 00 90 tan-Nomenklatura Magħquda tal-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākās tiesas Senāts (ir-Repubblika tal-Latvja) fid-9 ta' Novembru 2011 — SIA “Forwards V” vs Valsts ieñemmu dienests**

**(Kawża C-563/11)**

(2012/C 13/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Latvjan*

#### **Qorti tar-rinvju**

Latvijas Republikas Augstākās tiesas Senāta Administratīvo lietu departaments

#### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: SIA Forwards V

Konvenuta: Valsts ieñemmu dienests

#### **Domandi preliminari**

- (1) L-Artikolu 17(2)(a) tas-Sitt Direttiva tal-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna taxxabbli, li kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet essenziali kollha għat-taqeqis tal-VAT imħallsa max-xiri ta' prodotti, u mingħajr ma jkunu ġew ikkonstatati prattiki abbużi, tista' tiġi rrifjutata d-dritt li tagħmel dan it-taqeqis meta l-parti l-oħra fit-tranżazzjoni, minħabba ċirkustanzi ta' li ġi u ta' fatt, ma tkunx f'pożizzjoni li tikkunsinna l-prodotti (din il-parti l-oħra hija fittizja jew il-persuna responsabbi tagħha jeskludi l-eżistenza ta' attivitā ekonomika jew ta' transżazzjoni reali, jew ma għandhiex il-meżżi sabiex teżegwixxi dan il-kuntratt)?
  - (2) Il-fatt li huwa stabbilit li l-parti l-oħra għat-tranżazzjoni (il-persuna msemmija fil-fattura) hija fittizja (jigħiġi l-għan tal-attivitā tagħha ma huwiex attivitā ekonomika) huwa, fih innifsu, ta' natura li jimmotiva rifiut tad-dritt għat-taqeqis tal-VAT? F'każ bħal dan, id-dritt għat-taqeqis tat-taxxa tal-input jista' jiġi rrifjutat anki jekk ma tiġi kkonstatata l-ebda prattika abbużiwa min-naħa tal-persuna li tixtieq issostni dan id-dritt?
-